# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DEĊIŻJONI NRU 2877

Kaz Nru. 4029/FM

Fil-Kwistjoni tax-xoghol

Bejn

Francis Borg (KI 39666 M)

u

International Safety Training College u International Safety Training College Limited (C 26022)

Data: 11 ta' Jannar 2023

*Dwar: tkeċċija mill-impieg allegata li kienet inġusta*

**Chairman: Franco Masini**

**1. Introduzzjoni**

Dan il-każ ġie intavolat permezz ta' Rikors minn Dr Errol Cutajar f'isem Francis Borg fejn dan allega li kien ġie mkeċċi mill-impieg ma' International Safety Training College u International Safety Training College Limited fit-8 ta' Ottubru 2021 minħabba raġunijiet ta' dixxiplina. Is-Socjetajiet intimati li kienu rappreżentati minn Sharon Debarro u Kevin Keeler li kienu assistiti minn Dr Lara Pace ċaħdu dan. Inżammu disa' seduti. A tenur tal-Artikolu 78(1) tal-Kap 452 irid jingħad illi minħabba n-numru ta' seduti ma kien possibbli li l-Każ jinstama' u jinqata' fi żmien xahar kif preskritt fl-istess Kap.

**2. Fatti tal-Każ**

Ir-Rikorrent kien ġie avżat illi l-impieg tiegħu kien qed jiġi terminat wara inċident li nqala fit-23 ta' Settembru 2021 li kien ġie kkunsiderat minn Board ta' Dixxiplina. Dan l-inċident kien dwar ksur tar-regolamenti in konnessjoni ma' sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Huwa kien ukoll soggett għal numru ta' twissijiet kemm verbali kif ukoll bil-miktub. Wara inċident f'Mejju 2021 huwa ingħata final warning. Ir-Rikorrent jgħid li huwa dejjem ħadem b'diligenza u ta servizz tajjeb għal sittax-il sena. Jgħid ukoll illi t-twissijiet u l-ilmenti saru biss minn meta Kevin Keeler ħa l-kariga fil-kumpanija (Seduta 20 .7.22 fol 15).

## 3. Kunsiderazzjonijiet

L-inċident li ta' lok għat-tkeċċija tar-Rikorrent kien jinvolvi kwistjoni ta' sigurtà. Dan l-inċident kien spjegat ċar u sostnut b'viżwal meħud mill-*camera* ta' CCTV li jeżistu fil-post. Bażikament kien juri lir-Rikorrent qed jgħaddi minn post fejn hemm nar jaqbad mingħajr ma jkun liebes ħwejjeġ protettivi kif jitolbu ir-regolamenti kif ukoll jġorr materjal li jista jaqbad. Ir-Rikorrent jammetti dan kollu iżda jgħid li studenti kien hemm ftit, nar kien limitat u hu kellu urgenza biex joħroġ iċ-ċilindri. Jgħid ukoll illi din il-ħaġa saret kemm il-darba. Ir-Rikorrent kemm il-darba stqarr illi ilu kważi sbatax-il sena jaħdem mal-Kumpanija. Dan huwa fatt pożittiv iżda mill-mod kif jidher li jġib ruħu r-Rikorrent u l-mod kif tkellem jagħti wieħed x'jihem illi rabba sens ta' superjorità u kemm kemm ma jindikax illi bit-tul ta' servizz tiegħu kien iħossu li rrenda ruħu immuni mid-dixxiplina. Tant hu hekk illi dejjem jgħid li għandu raġun. Għandu wkoll din l-idea li Kevin Keeler kellu għalih u kien hu li għabbieħ bil-każi tad-dixxiplina. Dana mhux sostnut għal kollox għaliex kellu xi każi preċedenti li għamlithomlu xi persuna oħra. Il-każ tat-tkeċċija għad li sar minn Keeler kien Christopher Wright li beda' il-każ wara li osserevah jikser ir-regolamenti meta rah *live* fuq il-*cameras* li silta minnhom imbagħad ġiet preżentata fuq *pendrive* u esibita fit-2 ta' Marzu 2022 bħala Dokument KK 1. In-nuqqas tar-Rikorrent f'dan il-każ kien ta' tali portata li jimmerita li waħdu jkun ir-raġuni biżżejjed għat-tkeċċija tiegħu. Iżda agħar u agħar il-pożizzjoni tiegħu kienet iktar gravi għaliex preċedentement kien irċieva numru ta' twissijiet. Il-*history sheet* tiegħu tinkludi litanija sħiħa ta' nuqqasijiet. Annessi mad-Dikjarazzjoni tal-Każ tas-Soċjetà ntimata, datat 2 ta' Frar 2022 hemm numru ta' dokumenti li jinkludu tlet ittri ta' twissija li waħda minnhom tmur lura sal-2017.

## 4. Deċiżjoni

It-Tribunal Industrijali jiddeċidi li l-liċenzjament ta' Francis Borg minn mas-Soċjetà International Safety Training College u International Safety Training College Limited fi-8 ta' Ottubru 2021 kienet għal raġuni tajba u biżżejjed.

## 5. Drittijiet

Ai termini tal-Avviż Legali Nru. 48 tal-1986 it-Tribunal jiffissa d-drtittijiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' €93 kull wieħed.

B'hekk jintemm dan il-Każ.

(Iffirmat)

**Franco Masini**
**Chairman**